MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 15/2012

**Mirage Holdings Ltd**
**C 6808**

**Vs**

**Mifsud Monica**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Jannar, 2012 fejn is-socjeta' attrici peress li l-intimata ghandha tghati lis-socjeta' attrici l-ammont komplessiv ta' elf sitt mija sebgha u sebghin ewro (€1,677). Kwantu ghal elf tlett mija sebgha u tmenin ewro (€1,387) prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, kwantu ghal mitejn u disghin ewro (€290) bhala interessi;

Tghid l-intimata ghalxiex m'ghandhiex tigi 'kkundannata minn dan it-Tribunal sabiex thallas l-ammont komplessiv ta' elf sitt mija sebgha u sebghin ewro (€1,677).

Kwantu ghal elf tlett mija sebgha u tmenin ewro prezz (€1,387) ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, kwantu ghal mitejn u disghin ewro (€290) bhala interessi.

Bl-interessi ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-ingunzzjoni in subizzjoni in subizzjoni.

Il-konvenuta pprezentat risposta fejn eccepiet illi l-ammont pretiz mhux dovut stnate illi l-merkanzija in kwistjoni giet ordnata flok ordni ta' merkanzija precedenti li kienet thallset sentejn qabel pero qatt ma giet konsenjata.

Salvi eccezzjonijie ulterjuri.

Illi wara li nstemghu l-provi l-konvenuta resqet eccezzjoni ulterjuri u cioe' dik tal-inkompetenza ratione valoris.

F'dan il-kaz l-ammont mitlub huwa ammont li fadal x'jithallas mill-konvenut. Wara li giet ikkonsenjata lilha kamra tas-sodda. F'dan il-kaz ir-ratione valoris ma jidholx in ezami peress illi t-talba tal-attur hija talba specifika ghal ammont ta' elf tlett mija sebgha u tmenin ewro (€1,387) flimkien mal-interessi u bl-ebda mod ma jaghmel referenza fit-talba tieghu ghal ammont akbar. It-talba tal-attur hija specifikament ghas-somma ta' elf tlett mija sebgha u tmenin ewro (€1,387) liema somma it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jichad l-eccezzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM--------------------------------